A.L. 255 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Estensjoni tal-Projbizzjoni fuq l-Ivjaġġar lejn il-Pajjiżi Kollha (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni huwa l-Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Estensjoni tal-Projbizzjoni fuq l-Ivjaġġar lejn il-Pajjiżi Kollha (Emenda Nru 2) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar l-Estensjoni tal-Projbizzjoni fuq l- Ivjaġġar lejn il-Pajjiżi Kollha, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 465. 26.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju, 2020.

Jemenda l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

2. Fit-tieni proviso tal-artikolu 2 tal-ordni prinċipali, il-kliem "Polonja:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Polonja, bl-eċċezzjoni ta' Katowice:".